Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

16854/14
(OR. en)

PRESSE 648
PR CO 71

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3359 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Barranin

Kwistjonijiet marbuta mal-iżvilupp

Brussell, 12 ta' Diċembru 2014

President **Federica Mogherini**
Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

Wara l-2015

Il-Kunsill iddiskuta l-iżviluppi reċenti, b’mod partikolari l-aħħar rapport ta’ sintesi li nħareġ mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, u l-passi li jmiss rigward il-qafas ta’ wara l-2015, il-qafas ġdid għall-isforzi tal-komunità internazzjonali għall-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli.

Ir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, qalet: "Il-prinċipju tal-qafas globali li jmiss huwa li ħadd ma jibqa' l-art, mhux biss f'xi partijiet tad-dinja, iżda fil-partijiet kollha tad-dinja. Bil-konklużjonijiet tal-Kunsill il-ġodda, l-UE ser tibda titkellem b'vuċi waħda dwar l-aġenda ta' wara l-2015", żiedet tgħid.

L-UE u l-istati membri tagħha ħadu impenn lejn aġenda ambizzjuża, trasformattiva u inklużiva għal wara l-2015. In-negozjati finali fin-NU waslu biex jibdew biex titħejja l-konferenza dwar il-finanzjament għall-iżvilupp li ser issir f'Lulju u s-Summit tan-NU dwar l-aġenda għall-iżvilupp ta’ wara l-2015 li ser isir f’Settembru 2015. L-UE qed tkompli tiżviluppa l-pożizzjoni tagħha permezz ta’ konklużjonijiet tal-Kunsill li ser jiġu adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-16 ta’ Diċembru, u ser tkompli tagħmel dan fix-xhur li ġejjin.

L-Ebola

Waqt l-ikla ta’ nofsinhar, il-ministri kienu infurmati mill-koordinatur tal-UE għall-Ebola Christos Stylianides dwar il-kriżi u r-rispons tal-UE għaliha. Huma kellhom skambju ta’ fehmiet dwar l-appoġġ tal-perijodu medju jew fit-tul għar-rikostruzzjoni u l-irkupru wara l-epidemija. B'mod kollettiv, l-UE u l-istati membri tagħha huma d-donaturi ewlenin fost il-komunità internazzjonali biex jgħinu l-waqfien tat-tifqiegħa tal-Ebola: il-wegħdiet mill-Kummissjoni u l-istati membri issa jaqbżu EUR 1.1 biljun.

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI 4

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Wara l-2015 6

Migrazzjoni, rifuġjati u żvilupp 6

L-Ebola 10

Kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi 10

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

– Is-settur privat fl-iżvilupp 11

– Pjan ta’ azzjoni dwar in-nutrizzjoni 17

– Rapport Annwali dwar il-politiki ta' żvilupp u għajnuna esterna tal-UE 20

– Ftehim ta’ Sħubija Ekonomika mal-Afrika tal-Punent 22

AFFARIJIET BARRANIN

– Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina 22

– Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE 22

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

PARTEĊIPANTI

Rappreżentant Għoli	
Is-Sinjura Federica MOGHERINI	Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà
Belġju:	
Is-Sur Dirk WOUTERS	Rappreżentant Permanenti
Bulgarija:	
Is-Sur Rumen ALEXANDROV	Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Martin TLAPA	Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin
Danimarka:	
Is-Sur Mogens JENSEN	Ministru għall-Kummerċ u l-Iżvilupp
Ġermanja:	
Is-Sur Gerd MÜLLER	Ministru Federali għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp
Estonja:	
Is-Sur Matti MAASIKAS	Rappreżentant Permanenti
Irlanda:	
Is-Sur Declan KELLEHER	Rappreżentant Permanenti
Greċja:	
Is-Sur Kyriakos GERONTOPOULOS	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin
Spanja:	
Is-Sur Jesús Manuel GRACIA ALDAZ	Segretarju tal-Istat għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Amerika Latina
Franza:	
Is-Sur Pierre SELLAL	Rappreżentant Permanenti
Kroazja:	
Is-Sinjura Vesna PUSIĆ	L-Ewwel Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej
Italja:	
Is-Sur Lapo PISTELLI	Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin
Ċipru:	
Is-Sur Kornelios KORNELIOU	Rappreżentant Permanenti
Latvja:	
Is-Sinjura Zanda KALNIŅA-LUKAŠEVICA	Segretarju Parlamentari, Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Il-Litwanja:	
Is-Sur Andrius KRIVAS	Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin
Lussemburgu:	
Is-Sur Romain SCHNEIDER	Ministru għas-Sigurtà Soċjali, Ministru għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-Affarijiet Umanitarji, Ministru għall-Isports
Ungerija:	
Is-Sur István MIKOLA	Segretarju tal-Istat għall-Kooperazzjoni fil-Politika tas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni Internazzjonali, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ

Malta:	
Is-Sinjura Marlene BONNICI	Rappreżentant Permanenti
Olanda:	
Is-Sinjura Lilianne PLOUMEN	Ministru għall-Kummerċ Barrani u l-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp
Awstrija:	
Is-Sur Walter GRAHAMMER	Rappreżentant Permanenti
Polonja:	
Is-Sur Marek PRAWDA	Rappreżentant Permanenti
Portugall:	
Is-Sur Luís CAMPOS FERREIRA	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni
Rumanija:	
Is-Sur Radu PODGOREAN	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Slovenja:	
Is-Sur Bogdan BENKO	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Slovakkja:	
Is-Sur Peter BURIAN	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Finlandja:	
Is-Sinjura Sirpa PAATERO	Ministru għall-Iżvilupp Internazzjonali
Svezja:	
Is-Sinjura Isabella LÖVIN	Ministru għall-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp
Renju Unit:	
Is-Sinjura Justine GREENING	Segretarju tal-Istat għall-Iżvilupp Internazzjonali

Kummissjoni:	
Is-Sur Neven MIMICA	Membru
Is-Sur Karmenu VELLA	Membru
Is-Sur Christos STYLIANIDES	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Wara l-2015

Il-Kunsill iddiskuta l-iżviluppi reċenti, b’mod partikolari l-aħħar rapport ta’ sintesi li nħareġ mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, u l-passi li jmiss rigward il-qafas ta’ wara l-2015, il-qafas ġdid għall-isforzi tal-komunità internazzjonali għall-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli.

L-UE u l-istati membri tagħha ħadu impenn lejn aġenda ambizzjuża, trasformattiva u inklużiva għal wara l-2015. In-negozjati finali fin-NU waslu biex jibdew biex titħejja l-konferenza dwar il-finanzjament għall-iżvilupp li ser issir f'Lulju u s-Summit tan-NU dwar l-aġenda għall-iżvilupp ta’ wara l-2015 li ser isir f’Settembru 2015. L-UE qed tkompli tiżviluppa l-pożizzjoni tagħha permezz ta’ konklużjonijiet tal-Kunsill li ser jiġu adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-16 ta’ Diċembru, u ser tkompli tagħmel dan fix-xhur li ġejjin.

Migrazzjoni, rifuġjati u żvilupp

Il-Kunsill kellu skambju ta’ fehmiet dwar l-kwistjonijiet marbuta ma xulxin dwar il-migrazzjoni, r-refuġjati u l-iżvilupp. Huwa adotta l-konklużjonijiet li ġejjin dwar il-migrazzjoni f'kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE:

"Introduzzjoni

1. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar id-Djalogu ta’ Livell Għoli tal-2013 dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp u dwar l-estensjoni tar-rabta bejn l-iżvilupp u l-migrazzjoni. L-implimentazzjoni tal-impenji speċifiċi li jinsabu f’dawn il-Konklużjonijiet għandha tkompli miexja 'l quddiem. Għad iridu jittieħdu inkunsiderazzjoni l-importanza tal-migrazzjoni fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-ħtieġa li tirriżulta minnha li l-migrazzjoni tiġi indirizzata b'mod komprensiv anki minn angolu ta' żvilupp.

2. Filwaqt li jafferma mill-ġdid l-impenn biex tiġi żgurata migrazzjoni sikura, ordnata u regolari, b’rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-Kunsill jagħraf l-urġenza li tiġi minn kunflitti u kriżijiet mad-dinja kollha u l-isfidi mingħajr preċedent li jirriżultaw relatati mar-refuġjati u l-persuni spustati f'pajjiżhom (IDPs) kif ukoll mal-komunitajiet u l-pajjiżi ospitanti. Huwa jenfasizza wkoll li l-biċċa l-kbira tar-refuġjati u l-IDPs bħalissa qegħdin jgħixu f’sitwazzjonijiet imtawla u jfakkar fl-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni tal-qafas ta’ protezzjoni internazzjonali, b’mod partikolari l-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati.

3. Il-Kunsill ifakkar fil-progress li sar dan l-aħħar, b’mod partikolari b'rabta mad-Djalogu ta’ Livell Għoli tan-NU dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp, kif ukoll mal-Forum Globali dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp tal-2014. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-inklużjoni tal-migrazzjoni fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ħajja diċenti għal kulħadd: minn viżjoni għal azzjoni kollettiva" kif ukoll fid-dokument ta' eżitu tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ. Migrazzjoni ġestita tajjeb u l-mobilità tal-bniedem għandhom jiġu rikonoxxuti fl-aġenda għal wara l-2015 bħala li jistgħu jippermettu l-iżvilupp.

4. Li tkabbar kemm jista' jkun l-impatt pożittiv ta' migrazzjoni ġestita tajjeb fuq l-iżvilupp huwa prijorità politika importanti għall-UE, kif juri l-qafas politiku doppju tagħha f'dan il-qasam. Ir-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp hija waħda mill-prijoritajiet tematiċi tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità, li jipprovdi l-qafas ġenerali għall-politika esterna tal-UE dwar il-migrazzjoni, u hija wkoll integrata fil-qafas ta' politika tal-UE għall-iżvilupp, li l-Aġenda għall-Bidla hija l-aktar element kostitwenti reċenti tiegħu.

5. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-migrazzjoni bħala wieħed mill-ħames oqsma ta' prijorità fl-impenji tal-UE għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li, sabiex jiżdied il-potenzjal tal-iżvilupp tal-migrazzjoni, il-koerenza tal-politika għandha tiġi segwita fi ħdan firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika interna u esterna, inklużi politiki f'pajjiżi sħab. B'mod partikolari, hemm bżonn ta' inkorporazzjoni aktar sistematika tad-dimensjoni tal-iżvilupp fil-politiki ta' migrazzjoni. Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-koerenza u l-koordinazzjoni msaħħa huma meħtieġa bejn id-dimensjoni esterna tal-politika dwar il-migrazzjoni u l-aġendi tal-iżvilupp u l-affarijiet esterni sabiex jindirizzaw aħjar l-isfidi u l-opportunitajiet li ġġib magħha l-migrazzjoni.

6. Il-Kunsill ifakkar fil-kontribut sinifikanti li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tista' tipprovdi għar-rispons għall-instabilità politika u ekonomika u biex jiġu indirizzati l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-fraġilità, il-kunflitt, il-vulnerabilità tal-ambjent, il-qgħad u l-faqar estrem, li jistgħu jkunu l-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u l-ispustament sfurzat.

Jitqiesu bis-sħiħ l-opportunitajiet u l-isfidi tal-migrazzjoni fil-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp

7. Il-migrazzjoni hija fenomenu multidimensjonali b'diversi interkonnessjonijiet ma' oqsma oħrajn ta' intervent - bħall-impjiegi, is-saħħa, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, it-tibdil fil-klima. F'dan l-isfond, il-Kunsill jirrakkomanda inkorporazzjoni aktar sistematika tal-migrazzjoni fid-djalogu ma' pajjiżi u reġjuni sħab kif ukoll fil-programmazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-iIstati Membri, u fl-istrateġiji nazzjonali u reġjonali għall-iżvilupp, fejn rilevanti.

8. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEAE, biex tipprovdi gwida dwar kif għandha tiġi inkorporata u msaħħa d-dimensjoni tal-migrazzjoni kemm fid-djalogu u l-programmazzjoni tal-politika. Huwa jissottolinja l-ħtieġa għal sforzi kontinwi biex tissaħħaħ il-bażi ta' evidenza billi jittejbu l-ġbir u l-analiżi ta' data relatata mal-migrazzjoni, inkluż dwar l-impatt tal-migrazzjoni fuq l-iżvilupp, u biex tissaħħaħ il-kapaċità li jintuża l-għarfien miksub fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika.

9. L-iżgurar ta’ governanza effettiva tal-migrazzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti huwa responsabbiltà kondiviża bejn il-pajjiżi ta’ oriġini, ta’ transitu u ta’ destinazzjoni. F’dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta’ inizjattivi ta’ bini tal-kapaċitajiet biex jappoġġaw lill-pajjiżi sħab tagħna biex jegħlbu l-isfidi u l-opportunitajiet ta’ migrazzjoni, b’mod partikolari fil-qasam tal-involviment tad-dijaspora, il-promozzjoni tal-migrazzjoni legali, il-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, il-ġlieda kontra l-kuntrabandu ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, inkluż permezz tal-ġlieda kontra netwerks kriminali, ir-riammissjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni li jirritornaw. Il-Kunsill jappella għal programmi li jrawmu sensibilizzazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet.

10. Minħabba l-importanza tal-migrazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u l-pajjiżi bi dħul baxx u medju bħala pajjiżi destinatarji, il-Kunsilljissottolinja l-ħtieġa li jkun hemm djalogu, kooperazzjoni u sħubiji ma' u fost dawn il-pajjiżi biex tinbena sensibilizzazzjoni għall-impatt tal-migrazzjoni fuq l-iżvilupp ekonomiku, b'mod partikolari fil-kuntest tal-mobbiltà reġjonali tal-ħaddiema, l-appoġġ għad-definizzjoni tal-politiki dwar l-integrazzjoni u d-djalogu interkulturali, it-tisħiħ ta' mekkaniżmi biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet tal-migranti, speċjalment in-nisa u t-tfal. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija.

11. Il-Kunsill ifakkar fil-forom differenti ta’ kontribuzzjoni, mhux biss ekonomika, iżda wkoll permezz ta’ trasferiment tal-għarfien, l-esperjenza u t-teknoloġija, kif ukoll fil-qafas ta’ proċessi ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali, li jistgħu joffru l-membri tad-dijaspora għall-iżvilupp tal-pajjiżi tal-oriġini tagħhom. Aħna nissottolinjaw il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati istituzzjonali rilevanti fil-pajjiżi sħab, inklużi l-awtoritajiet lokali, li jinvolvu ruħhom fid-dijaspora u li jiggwidaw il-kontribut tagħha f’konformità mal-prijoritajiet nazzjonali ta’ żvilupp.

12. Il-migranti jimbuttaw l-iżvilupp tal-pajjiżi ta’ oriġini u ta’ destinazzjoni b’diversi modi. Pereżempju, il-migranti jistgħu jaqdu rwol sinifikanti bħala intraprendituri u persuni li joħolqu l-impjiegi. F’dan il-kuntest huwa kruċjali li wieħed jenfasizza li governanza tajba u ambjent li jwassal għan-negozju huma elementi ewlenin biex jippromwovu l-intraprenditorija u l-investiment tad-dijaspora. Miżuri ta’ akkumpanjament biex titrawwem iċ-ċirkolazzjoni ta’ ħiliet u l-migrazzjoni ċirkolari jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku.

13. Filwaqt li l-isforzi mwettqa fil-livell tal-UE biex jonqsu l-ispejjeż tat-trasferimenti ta' rimessi għandhom jinżammu, jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lit-tisħiħ tat-trasparenza u l-kompetizzjoni fis-suq tar-rimessi u biex jiġi promoss użu mifrux ta’ servizzi finanzjarji. Id-djalogu ta’ politika mal-awtoritajiet rilevanti ta’ pajjiżi sħab jista’ jaqdi rwol essenzjali fil-promozzjoni tar-riformi meħtieġa tal-oqfsa leġislattivi u regolatorji rilevanti u b’hekk iżid kemm jista' jkun l-impatt tar-rimessi fuq l-iżvilupp.

14. Il-Kunsill jissottolinja li t-tnaqqis tal-ispejjeż ekonomiċi u soċjali assoċjati mal-migrazzjoni jista’ jkollu impatt sinifikanti fuq l-iżvilupp. F’dan ir-rigward, filwaqt li l-attenzjoni fuq ir-rimessi jeħtieġ li tinżamm, spejjeż oħra marbuta mal-migrazzjoni u l-mobilità, bħal nuqqasijiet ta’ ħiliet minħabba l-emigrazzjoni u l-ispejjeż tar-reklutaġġ ta' ħaddiema migranti, għandhom jiġu indirizzati bl-istess mod.

L-iżgurar ta’ approċċ koordinat ta’ kooperazzjoni għall-iżvilupp għar-refuġjati u l-IDPs

15. It-tisħiħ tar-rabta bejn l-għajnuna umanitarja u l-iżvilupp, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-aġenda ta’ reżiljenza, huwa kruċjali biex jiġi żgurat approċċ koerenti u komprensiv tal-UE għall-ispustament sfurzat, li jinkludi wkoll reazzjonijiet xierqa għall-finanzjament. F'dak il-kuntest il-Kunsilljagħraf li r-rifuġjati, l-IDPs u persuni oħra fi bżonnta' protezzjoni internazzjonali, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' spustament fit-tul, jippreżentaw sfidi sinifikanti kif ukoll opportunitajiet potenzjali għall-pajjiżi ospitanti u l-komunitajiet ospitanti. Dawn għandhom jiġu indirizzati permezz ta’ ppjanar ta’ żvilupp fit-tul mill-istadju bikri ta' kriżi, biex b’hekk jikkumplementa l-approċċ umanitarju.

16. Refuġjati u persuni spustati internament, kif ukoll migranti f’sitwazzjoni vulnerabbli, huma f’riskju akbar li jkunu soġġetti għal diversi forom ta’ ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-vjolenza sesswali u sessista. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-prevenzjoni u t-tnaqqis ta’ tali vjolenza, filwaqt li jiżgura li dawk li jġarrbu din il-vjolenza jkunu jistgħu jaċċessaw servizzi ta’ appoġġ u li l-pajjiżi sħab jiġu appoġġati f’din il-ħidma.

17. Il-Kunsill jagħraf l-isforzi kbar tal-pajjiżi ospitanti u l-komunitajiet ospitanti f’reġjuni ġirien ta' żoni ta’ kunflitt meta jakkomodaw lil refuġjati u migranti oħra. Il-kapaċità ta’ pajjiżi sħab li jindirizzaw il-bosta isfidi relatati mar-refuġjati u l-IDPs u li jagħmlu użu aħjar mill-opportunitajiet potenzjali, inkluż billi jipprovdu opportunitajiet ta’ integrazzjoni lokali u aċċess għal mezzi ta’ awtodipendenza, għandha tissaħħaħ b’mod sinifikanti permezz ta’ interventi mmirati. Il-Kunsill jilqa’ l-ħidma tal-Kummissjoni, f’kollaborazzjoni mill-qrib mas-SEAE, u jitlobha tiddefinixxi strateġija speċifika biex jiżdiedu l-impenji f’dan il-qasam, inkluż permezz tal-elaborazzjoni ta’ approċċ ta’ żvilupp koerenti u kkoordinat għall-kwistjonijiet tar-refuġjati u l-IDPs u l-iżgurar ta' rrispons xieraq f'dak li hu finanzjament.

It-Triq ’il Quddiem

18. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-importanza tal-migrazzjoni kemm bħala opportunità kif ukoll sfida għall-iżvilupp titqies b'mod sħiħ fil-livell tal-UE billi d-dimensjoni tal-migrazzjoni tiġi integrata fil-politika tal-iżvilupp tal-UE u kooperazzjoni kull fejn rilevanti u billi jiġi żgurat rispons xieraq f'dak li hu finanzjament. L-azzjoni tal-UE għall-migrazzjoni u l-iżvilupp għandha tindirizza b’mod komprensiv il-firxa sħiħa ta’ impatti pożittivi u negattivi tal-migrazzjoni fuq l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli u inklużiv fil-pajjiżi ta’ oriġini u ta’ destinazzjoni.

19. Għalhekk, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar orjentazzjonijiet ta’ politika u gwida operazzjonali b’enfasi fuq l-oqsma kollha deskritti hawn fuq billi tadotta Komunikazzjoni sa tmiem l-2015."

L-Ebola

Waqt l-ikla ta’ nofsinhar, il-ministri kellhom skambju ta’ fehmiet mal-koordinatur tal-UE għall-Ebola Christos Stylianides dwar l-appoġġ tal-perijodu medju jew fit-tul għar-rikostruzzjoni u l-irkupru wara l-epidemija.

Kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi

Il-Kunsill ġie mgħarraf dwar ħidma li għaddejja rigward il-pjan ta’ azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

Is-settur privat fl-iżvilupp

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin dwar rwol aktar b'saħħtu tas-settur privat fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp: perspettiva orjentata lejn l-azzjoni:

"Introduzzjoni

1. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-rwol tas-settur privat fl-iżvilupp[1], u b'mod partikolari s-sejħa tiegħu għal tkomplija ta' diskussjoni dwar l-għodod u l-modalitajiet fid-dawl tal-operazzjonalizzazzjoni tal-azzjonijiet li jinsabu fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Rwol Aktar b'Saħħtu tas-Settur Privat fil-Kisba ta' Tkabbir Inklużiv u Sostenibbli fil-Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw."[2]

2. Il-Kunsill jilqa' d-diskussjonijiet li kienu sussegwentement imlaqqa' mill-Presidenza u l-Kummissjoni, li jinvolvu għadd kbir ta' partijiet interessati. Dawn id-diskussjonijiet ikkonfermaw li s-settur privat qed jitfaċċa bħala attur dejjem aktar attiv fil-qasam tal-iżvilupp. L-interazzjonijiet ta' sħab għall-iżvilupp ma' atturi tas-settur privat saru wkoll aktar diversi.

3. Il-Kunsill ifakkar li l-objettiv ġenerali f'dan il-kuntest ta' politika jibqa' l-qerda tal-faqar permezz tal-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jissottolinja b'mod partikolari l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tas-settur privat fl-implimentazzjoni ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli futuri u biex jikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku inklussiv, għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti, għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, għas-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, għall-ħarsien tal-ambjent, għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, għat-tisħiħ ekonomiku u soċjali tan-nisa u taż-żgħażagħ, b'enfasi partikolari fuq l-ifqar u l-aktar vulnerabbli.

4. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol ewlieni tas-settur privat fir-rigward tas-sħubija ġdida globali li qed tiġi kkunsidrata fil-kuntest tad-diskussjoni dwar l-aġenda għal wara l-2015.

---

1 Dok. 11149/14
2 Dok. 9802/14

Prinċipji u Kriterji

5. Fl-esplorazzjoni ta’ modi ġodda ta’ ħidma mas-settur privat sabiex jiġu utilizzati l-għarfien espert u r-riżorsi tiegħu għall-iżvilupp inklużiv u sostenibbli, il-Kunsill jirrikonoxxi l-isfidi bħal kif għandhom jiġu dentifikati l-aħjar approċċi u mudelli għal kollaborazzjoni mas-settur privat fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif tista’ tiġi żgurata l-gwida effettiva dwar u s-sorveljanza ta’ diliġenza dovuta b’mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, kif jiġi żgurat l-allinjament tal-interessi u r-responsabbiltà reċiproka fost il-partijiet kkonċernati differenti, kif jistgħu jittaffew ir-riskji fiduċjarji u ta’ reputazzjoni b’mod partikolari għall-UE u l-Istati Membri tagħha jew dwar kif għandu jiġi vvalutat u jitkejjel l-impatt tal-iżvilupp dwar l-involviment tas-settur privat. Il-Kunsill jieħu nota tad-diskussjonijiet relatati fil-kuntest tal-Kumitat tal-Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD/DAC) dwar it-trattament statistiku ta’ strumenti u tas-settur privat u l-finanzjament b'self fil-qafas tal-kejl tal-finanzjament għall-iżvilupp wara l-2015.

6. Il-Kunsill għalhekk jappoġġa l-prinċipji (enfasi fuq il-ħolqien tal-impjiegi, l-inklużjoni u t-tnaqqis tal-faqar, id-differenzjazzjoni, approċċ ibbażat fuq is-suq, enfasi fuq ir-riżultati, il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp) u l-kriterji (l-impatt tal-iżvilupp li jista’ jitkejjel, l-addizzjonalità, in-newtralità u t-trasparenza, l-interessi komuni u l-għanijiet u l-kofinanzjament, l-effett ta’ dimostrazzjoni, il-konformità max-xogħol, mal-istandards soċjali, dawk ambjentali u fiskali inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem) proposti mill-Kummissjoni bħala qafas biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u jitkabbar l-għarfien dwar l-opportunitajiet u l-kondizzjonijiet għal sħubijiet b'suċċess mas-settur privat.

7. Il-Kunsill jilqa’ l-impenn mill-Istati Membri biex japplikaw dan il-qafas fl-appoġġ tagħhom u l-involviment tas-settur privat fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp fuq livell bilaterali u multilaterali bħala bażi għal approċċ tal-UE u tal-Istati Membri biex jinkisbu l-effiċjenza, l-impatt tal-iżvilupp u koordinazzjoni aħjar ta’ azzjonijiet b'appoġġ għas-sħubijiet għall-iżvilupp tas-settur privat u l-iżvilupp tal-pubbliku-privat. Il-Kunsill jinnota wkoll li dawn il-prinċipji jikkomplementaw il-prinċipji ewlenin ta’ Busan ta’ sjieda tal-pajjiż dwar l-effiċjenza tal-għajnuna, inkluż l-impenn speċifiku biex jitħaffu l-isforzi biex l-għajnuna ma tibqax marbuta.

8. Il-Kunsill jinnota li l-kriterji għandhom jintużaw bħala gwida waqt il-valutazzjoni tal-adegwatezza ta’ proposti għal appoġġ dirett. Il-valutazzjoni għandha b’mod partikolari tipprevedi approċċ differenzjat li jqis it-tip u d-daqs tal-intrapriżi tas-settur privat involuti u l-kuntest li fih huwa jopera. Il-konsistenza mal-prinċipji u l-kriterji jew triq kredibbli lejhom għandha tkunu parti integrali mis-sħubija rispettiva u l-programmi maħsuba. Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jikkondividu l-esperjenza u biex jiddefinixxu kif japplikaw b'mod konkret dawk il-prinċipji u l-kriterji.

Azzjonijiet biex jikkatalizzaw l-involviment tas-settur privat u riżorsi għall-iżvilupp

9. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tipproponi sett ambizzjuż ta' azzjonijiet li għandu l-potenzjal li jtejjeb l-effettività tal-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp tas-settur privat. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li dan il-qafas strateġiku ġdid u azzjonijiet relatati huma adegwatament riflessi fl-ipprogrammar tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE għall-perijodu 2014-2020 u jistieden lill-Kummissjoni tqis il-potenzjal ipprovdut permezz tad-diversi strumenti tagħha sabiex jiġi żgurat li dan l-approċċ jista' jiġi applikat b'mod koerenti, effiċjenti u b'mod komplementari fil-livell sottonazzjonali, nazzjonali, reġjonali u dak globali.

10. Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-azzjonijiet proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, li għandhom x'jaqsmu mal-ikkatalizzar tar-riżorsi tas-settur privat u l-impenn għall-iżvilupp, jeħtieġu lill-UE u l-Istati Membri jtejbu aktar l-interazzjoni u jieħdu azzjonijiet konġunti li jibnu fuq il-kompetenza u l-għarfien, inklużi esperjenzi tranżitorji, fil-livell globali, tal-UE u tal-Istati Membri: għalhekk, għandu jittieħed kont tal-elementi ta' hawn.

Strumenti u Mekkaniżmi Finanzjarji Innovattivi

11. Finanzjament ingranat għall-iżvilupp mis-settur privat jibqa' kompitu diffiċli. Il-Kunsill jappoġġa l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi biex jiġi ingranat finanzjament addizzjonali. Dawn jistgħu jinkludu fondi ta' Solidarjetà, mekkaniżmi b'diversi donaturi, mikrodonazzjonijiet jew investiment u taħlit b'impatt.

12. It-taħlit b'mod partikolari huwa għodda importanti biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħidma u jistenna bil-ħerqa l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej tal-finanzjament (EFIs) fil-Pjattaforma tal-UE għat-Taħlit fil-Kooperazzjoni Esterna (EUBEC) sabiex titjieb l-effettività billi tiżdied il-koordinazzjoni tad-donaturi, il-promozzjoni tad-diviżjoni tax-xogħol u jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjoni għas-sħab, u biex jissaħħaħ l-impatt tal-iżvilupp tal-operazzjonijiet ta' taħlit, fuq il-bażi tal-tagħlimiet meħuda.

13. Il-Kunsill jistenna b'interess l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-oqfsa tat-taħlit tad-DCI, l-ENI u l-FEŻ, inklużi faċilitajiet ta' taħlit għal reġjuni u pajjiżi tal-Amerika Latina, l-Asja, l-Asja Ċentrali, il-Viċinat, il-Karibew u tal-Paċifiku kif ukoll l-istabbiliment ta' faċilità ta' taħlit ġdida għall-Afrika. L-użu tal-mekkaniżmi ta' taħlit għandu jibni fuq sforzi kumulattivi ta' donaturi u istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej u fuq diviżjoni effiċjenti tax-xogħol. Dan jista' jinkiseb billi titħeġġeġ parteċipazzjoni usa' f'attivitajiet ta' taħlit u billi tiġi promossa l-koordinazzjoni bejn id-diversi donaturi u l-istituzzjonijiet finanzjarji involuti.

14. Rigward b'mod partikolari intrapriżi mikro, żgħar u medji, inkluż fis-settur informali, kif ukoll intrapriżi soċjali u kooperattivi, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EFIs biex jagħtu attenzjoni partikolari lis-sistemi bankarji lokali u biex itejbu l-aċċess tagħhom għall-kapital, il-finanzjament fit-tul u s-servizzi finanzjarji, biex jappoġġaw b'mod partikolari l-finanzjament ta' intraprendituri nisa u żgħażagħ; biex jippromwovu l-finanzjament għall-intrapriżi fl-ekonomija soċjali, l-iskemi ta' taħriġ vokazzjonali; u biex jappoġġaw il-kuntatti minn negozju għal negozju u l-adozzjoni tal-aqwa prattiki ambjentali. L-azzjonijiet biex ikabbru l-aċċess tal-SMEs għat-teknoloġija u s-swieq għandhom ukoll jingħataw prijorità. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-setturi favur il-foqra li għandhom effett multiplikatur u joħolqu impjiegi li jikkorrispondu għall-aġenda politika tal-UE bħalma huma l-agrikoltura, in-negozju agrikolu, l-enerġija u l-intrapriżi li jippromwovu ekonomija ambjentali b'livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Il-Pakkett ta’ Finanzjament ta’ Impatt UE-AKP, tieqa speċjali ġdida taħt il-Faċilità ta’ Investiment tal-AKP ġestita mill-BEI, huwa milqugħ f’dan il-kuntest. Billi jġib riskju ogħla minn dak permess taħt il-Faċilità ta’ Investiment, dan jappoġġa proġetti impatt ta' żvilupp akbar. Kemm ir-riskju ogħla kif ukoll l-impatt akbar jeħtieġu li jiġu vvalutati u rrappurtati b’mod xieraq.

Djalogu Strutturat u Mudelli ta' Negozju Inklużivi: il-ħtieġa għaż-żieda

15. Il-Kunsill huwa konvint bis-sħiħ mill-ħtieġa għal djalogu strutturat mas-settur privat li jista' jinkludi l-gvernijiet, l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, it-trade unions u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, l-akkademiċi u rappreżentanti tas-settur informali. Dan id-djalogu għandu jitwettaq fil-livell lokali, reġjonali u dak globali u fuq bażi settorjali. Djalogi bħal dawn m’għandhomx jidduplikaw id-djalogi eżistenti u għandhom, fejn possibbli, jibnu fuq mekkaniżmi eżistenti fil-livell internazzjonali bħas-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp.

16. Il-Kunsill jirrikonoxxi li d-djalogu bejn is-settur pubbliku u dak privat jista' jippromwovi ambjent li jwassal għal investiment responsabbli, il-ħolqien ta’ impjiegi deċenti u l-iżvilupp sostenibbli, u jsaħħaħ l-effettività tal-politika – huwa jwieġeb ukoll għad-domanda dejjem tikber minn atturi tas-settur privat biex ikunu aktar involuti fit-tfassil tal-politika ekonomika u b’mod partikolari fil-promozzjoni ta' ambjent sostenibbli, trasparenti u favorevoli għan-negozju u qafas regolatorju sod f’pajjiżi sħab. Il-Kunsill jilqa’ b’mod partikolari l-adozzjoni reċenti tal-"Qafas ta' Kooperazzjoni Konġunt AKP-UE dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp tas-Settur Privat fil-pajjiżi AKP" u l-istabbiliment ta’ pjattaforma għad-djalogu tal-UE-AKP li tinkludi atturi mis-settur privat.

17. Il-Kunsill jilqa’ l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Busan dwar "L-Espansjoni u t-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Pubblika u Privata għal Tkabbir fuq Bażi Wiesgħa, Inklussiv u Sostenibbli", kif ukoll ir-rwol aktar attiv tal-Kummissjoni fis-Sħubijiet għall-Prosperità, u l-interazzjonijiet reċenti bejn atturi/organizzazzjonijiet tas-settur privat, Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u Atturi Lokali fil-qafas ta’ Forum ta’ Politika għall-Iżvilupp. Il-Kunsill iqis li proċessi bħal dawn jistgħu jiffaċilitaw l-interazzjonijiet ta' suċċess bejn is-settur privat, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-atturi fil-livell tal-komunità lokali.

18. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien biex jiġu appoġġati r-replikazzjoni u ż-żieda ta' mudelli ta' negozju inklużivi u sħubijiet relatati bejn diversi partijiet kkonċernati fis-settur privat, filwaqt li jibnu fuq inizjattivi eżistenti, u janalizzaw kif is-sinerġiji jistgħu jiġu żviluppati biex jiżdied l-impatt ta' żvilupp tal-UE u l-azzjonijiet tal-Istati Membri. Il-Kunsill iħeġġeġ b'mod partikolari lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jaqsmu l-esperjenzi u jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar inizjattivi u programmi eżistenti, li jippreżentaw is-sħubija u l-opportunitajiet ta' finanzjament għan-negozju u partijiet kkonċernati oħra fi sħubija għall-iżvilupp.

19. Barra minn hekk il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tesplora modi innovattivi għall-iżvilupp ta' sħubijiet mas-settur privat fi programmi ta' għajnuna għall-iżvilupp li għandhom l-għan, fost l-oħrajn, li jiffavorixxu t-taħriġ taż-Żgħażagħ, miftuħ għal żgħażagħ Ewropej, u li jippromwovu l-impjieg taż-żgħażagħ lokali. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jesploraw kif jista' jissaħħaħ ir-rwol tad-dijaspori fl-iżvilupp tas-settur privat f'pajjiżi ta' oriġini, b'mod partikolari sabiex jiġi promoss l-investiment u t-trasferiment tal-għarfien.

Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji

20. Il-Kunsill jappoġġa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jippromwovu r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' linji gwida u prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment, jiġifieri l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Prinċipji rigward l-Impriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), il-Linji Gwida għal Intrapriżi Multinazzjonali, il-Patt Globali tan-NU, u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) 26000 l-Istandard ta' Gwida dwar ir-Responsabbiltà Soċjali.

21. Il-Kunsill jissottolinja li r-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, u l-promozzjoni tal-libertà li jitwettaq in-negozju, kif jinsab fl- Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ser tkun waħda mill-oqsma ta' prijorità għall-assistenza tal-UE għall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-perijodu 2014-2020.

22. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni internazzjonali intensifikata immirata lejn ktajjen ta' valur globali aktar responsabbli u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkun sieħba attiva f'dan il-qasam. Il-Kunsill jissottolinja r-rikonoxximent dejjem jikber li l-integrazzjoni tat-tħassib soċjali, ambjentali, etiku, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-konsumaturi u l-ġestjoni responsabbli tal-katina tal-provvista fl-operazzjonijiet u l-istrateġija ta' negozju ta' kumpannija jistgħu jgħinu biex jissaħħu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tiegħu. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-Istati Membri jinvolvu l-industriji tagħhom stess fi ktajjen ta' valur responsabbli b'mod partikolari jekk jaġixxu f'dawk il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn. Is-sħubijiet pubbliċi-privati għall-iżvilupp għandhom, fost l-oħran, jimmotivaw lis-settur privat biex imur lil hinn minn standards miftiehma internazzjonalment sabiex jiġu żviluppati approċċi volontarji rilevanti li qegħdin isiru dejjem aktar importanti.

23. Fir-rigward ta’ relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi, fejn is-settur privat huwa attur prinċipali, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li ssir referenza għal-linji gwida u prinċipji rikonoxxuti internazzjonalment dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva f’negozjati li jinsabu għaddejjin u dawk futuri ta’ Ftehimiet ta’ Sħubija Ekonomiċi u ftehimiet bilaterali oħra, u li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli meta jinvolvu ruħhom fl-investiment, l-esternalizzazzjoni u l-kummerċ fi u ma’ pajjiżi sħab. Il-Kunsill jissottolinja r-responsabbiltajiet tas-settur privat sabiex jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tat-tfal u tan-nisa.

24. F’dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa’ r-reviżjoni reċenti tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku biex jittieħed kont aħjar tat-tħassib ambjentali u soċjali, u tad-Direttiva dwar il-Kontabilità dwar id-divulgazzjoni ta’ informazzjoni mhux finanzjarja. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu biex tissaħħaħ id-dimensjoni esterna tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva u tal-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, b’mod partikolari permezz tal-Istrateġija dwar ir-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji u l-Pjan ta’ Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, it-tnejn li huma attwalment taħt rieżami, u permezz tal-Linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali.

Koordinazzjoni msaħħa tal-UE b'appoġġ għall-Iżvilupp tas-Settur Privat: żieda fil-momentum

25. Il-Kunsill jilqa’ l-inizjattiva meħuda mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jagħmlu mmappjar ta’ Żvilupp tas-Settur Privat futur u l-interventi tas-Settur Privat fil-livell nazzjonali u reġjonali. Dan l-immappjar għandu jkun l-ewwel pass ta’ aġenda aktar ambizzjuża biex tiżdied l-effettività tal-għajnuna tal-UE u tal-Istati Membri f’dan il-qasam u jista’ jitħaddem fi programmar konġunt u proċessi relatati ta' diviżjoni tax-xogħol. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkollaboraw aktar b’mod partikolari fil-qafas ta’ interventi futuri ta’ diversi reġjuni/pajjiżi fl-Asja, il-Karibew u l-Paċifiku, l-Asja Ċentrali, l-Amerika Latina, il-Viċinat u b’mod partikolari l-Afrika.

26. Il-Kunsill ser iżomm l-iżviluppi f’dan il-qasam taħt rieżami mill-qrib u jappella lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jirrapportaw regolarment, fil-kuntest tar-Rapport Annwali, dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-proposti stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll f’dawn il-Konklużjonijiet u dwar il-kooperazzjoni mas-settur privat b’mod aktar ġenerali, bil-ħsieb li jsir monitoraġġ tal-progress miksub fl-azzjonijiet identifikati."

Pjan ta’ azzjoni dwar in-nutrizzjoni

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin dwar il-pjan ta’ azzjoni dwar in-nutrizzjoni:

"1. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta’ Mejju 2013, li approvaw l-Komunikazzjoni "Intejbu n-Nutrizzjoni Materna u dik tat-Tfal fl-Assistenza Esterna: Qafas Politiku tal-UE"[1] u stieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa Pjan ta’ Azzjoni li jistabbilixxi kif ser teżegwixxi l-għan tagħha dwar in-nuqqas ta’ żvilupp.

Introduzzjoni

2. Il-Kunsill jenfasizza mill-ġdid it-tħassib tiegħu dwar il-livelli persistenti ta’ malnutrizzjoni, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fejn l-Istati għandhom quddiemhom piż triplu ta’ nuqqas ta’ nutrizzjoni, nutrizzjoni żejda u nuqqasijiet ta’ mikronutrijenti. Il-kawżi kumplessi u multidimensjonali tal-malnutrizzjoni jeħtieġu approċċ olistiku u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, b'attenzjoni partikolari fuq in-nisa u t-tfal. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza li jissaħħu s-sinerġiji bejn l-atturi umanitarji u ta’ żvilupp u jilqa’ l-isforzi li għaddejjin bħalissa f’dan ir-rigward. B’mod partikolari, il-Kunsill jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta’ approċċi li jibnu reżiljenza fil-livelli kollha, filwaqt li jżomm f'moħħu l-Pjan ta’ Azzjoni għar-Reżiljenza fil-Pajjiżi li għandhom it-Tendenza jesperjenzaw il-Kriżijiet 2013-2020 li jgħaqqad l-aġenda ta’ reżiljenza u l-istudju pilota tal-Patt il-Ġdid għall-Involviment fi Stati Fraġli.

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-ġuħ u l-malnutrizzjoni huma kemm kawża kif ukoll konsegwenza ta’ sottożvilupp. Il-malnutrizzjoni toħloq theddida serja għall-iżvilupp soċjali u t-tkabbir ekonomiku. Min-naħa l-oħra, investiment fin-nutrizzjoni jagħti lura riżultati soċjali, ekonomiċi u produttivi pożittivi. Il-malnutrizzjoni tikkostitwixxi waħda mill-ikbar sfidi globali attwali li għandha quddiemha l-komunità internazzjonali fil-ġlieda tagħha kontra l-faqar, li żżid l-inugwaljanza u l-esklużjoni soċjali.

4. Il-Kunsill għalhekk jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jappoġġaw l-isforzi ta’ pajjiżi sħab li għandhom piż kbir ta' malnutrizzjoni biex ipoġġu s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni fuq quddiem tal-aġenda politika. F’dan ir-rigward il-Kunsill jappella wkoll għall-attenzjoni partikolari u konsiderazzjoni komprensiva tas-sigurtà tal-ikel u nutrizzjoni mtejba fil-qafas għal wara l-2015, filwaqt li jinnota l-proposti f’dan ir-rigward li jinsabu fir-Rapport tal-Grupp ta’ Ħidma Miftuħ dwar l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli. Interventi ta’ nutrizzjoni għandhom ifittxu li jindirizzaw id-dimensjoni usa’ ta’ malnutrizzjoni, inkluż il-piż żejjed u mard li ma jitteħidx li huwa relatat mad-dieta. Il-promozzjoni ta’ standards internazzjonali dwar ikel sikur u bla periklu għandhom jingħataw prijorità wkoll.

[1] Dok. 7521/13

5. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-partijiet kkonċernati rilevanti kollha biex jaqdu r-rwol rispettiv tagħhom fl-implimentazzjoni effettiva tal-impenji tad-Dikjarazzjoni ta’ Ruma dwar in-Nutrizzjoni permezz tal-Qafas għal Azzjoni assoċjat tagħha, adottata fit-Tieni Konferenza Internazzjonali dwar in-Nutrizzjoni tal-2014. Dawn id-dokumenti ser jikkontribwixxi fid-diskussjonijiet b’mod utli fil-kuntest ta’ qafas ta’ wara l-2015. Approvat mill-UE u l-Istati Membri tagħha, il-Qafas jipprovdi sett ta’ azzjonijiet rakkomandati li jwasslu biex jinqered il-ġuħ u jipprevjenu kull forma ta' malnutrizzjoni fid-dinja, inkluż li jintlaħqu l-miri globali dwar in-nutrizzjoni stabbiliti mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa għall- 2025.

Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni “Pjan ta’ Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni”

6. Il-Kunsill jilqa’ l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni,[1] li jiffoka fuq in-nuqqas ta’ nutrizzjoni u jistabbilixxi kif l-UE tista’ tappoġġa bl-aħjar mod lill-pajjiżi sħab inkluż fl-ilħuq tal-mira tal-Kummissjoni li tnaqqas in-numru ta’ tfal vittmi ta’ nuqqas kroniku ta' nutrizzjoni taħt l-età ta' ħames snin b'minn tal-anqas 7 miljuni sal-2025.

7. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-kisba tal-mira tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa (WHA) li n-nuqqas ta’ żvilupp globali jiġi ridott b’40 % sal-2025 (jiġifieri b'madwar 70 miljun tifel u tifla) timplika żieda sinifikanti fl-isforzi tagħna. Għalhekk il-Kunsill jilqa’ l-enfasi tal-Pjan ta’ Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni fuq il-bżonn li tiżdied r-rata annwali tar-riduzzjoni tan-nuqqas ta' żvilupp lil hinn minn xejriet attwali sabiex il-mira tad-WHA imsemmija hawn fuq tintlaħaq sal-2025. F’dan il-kuntest il-Kunsill jilqa’ wkoll il-wegħdiet ta’ żieda fl-investiment fin-nutrizzjoni mill-Kummissjoni u xi Stati Membri permezz tal-Patt tal-2013 Nutrizzjoni għat-Tkabbir u fora oħrajn.

8. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati kemm il-kawżi sottostanti kif ukoll dawk immedjati tan-nuqqas ta’ nutrizzjoni, b’enfasi partikolari fuq in-nisa u t-tfal. F’dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa’ l-impenn tal-Kummissjoni u ta’ xi Stati Membri biex jimplimentaw interventi sensittivi għan-nutrizzjoni fis-setturi rilevanti kollha, billi jiġu integrati indikaturi u objettivi tan-nutrizzjoni, fost l-oħrajn, fl-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel, is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, l-ilma u s-sanità kif ukoll programmi edukattivi, flimkien ma’ programmi speċifiċi ta’ nutrizzjoni li jindirizzaw il-kawżi immedjati u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ nutrizzjoni.

[1] Dok. 11718/14

9. In-nuqqas ta' nutrizzjoni huwa fattur prinċipali wara l-prevalenza għolja ta’ morbożità u mortalità fit-tfal u ostakolu għall-iżvilupp konjittiv u fiżiku sħaħ ta' dawk it-tfal li jegħlbuh. Għalhekk il-Kunsill qed jilqa’ l-enfasi speċifika li l-Pjan ta’ Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni qed jagħmel fuq interventi u politiki mmirati lejn in-nisa u t-tfal, b’mod partikolari fiż-żmien kritiku ta’ 1,000 jum ta' opportunità, jiġifieri fuq in-nutrizzjoni tajba għan-nisa tqal u sat-tieni sena tal-wild, u billi tingħata prijorità lin-nisa, it-tfal u l-bniet adoloxxenti, speċjalment f’żoni rurali fqar u fost l-aktar gruppi vulnerabbli. L-importanza tat-treddigħ tat-trabi bħala parti mill-interventi ta' nutrizzjoni speċifiċi għandhom jiġu enfasizzati. Il-Kunsill jinnota li attenzjoni speċifika għall-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni ser tingħata biex: (a) jissaħħu l-mobilizzazzjoni u l-impenn politiku għan-nutrizzjoni; (b) jiżdiedu l-azzjonijiet fil-livell tal-pajjiżi u (c) jiżdied l-għarfien dwar in-nutrizzjoni.

10. F’dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa’ l-impenn tal-Kummissjoni u għadd ta’ Stati Membri għal żieda fl-azzjonijiet fuq livell ta’ pajjiż fil-perijodu 2014-2020. L-interventi mbassra għandhom ikunu sensittivi għad-differenza bejn is-sessi, speċjalment billi jimmiraw għan-nisa u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, u għandhom ikunu maħsuba biex jiksbu l-akbar impatt fir-riduzzjoni tan-nuqqas ta' żvilupp u jindirizzaw il-kawżi sottostanti tiegħu; huma għandhom ukoll jibnu l-kapaċità, l-għarfien u l-ħiliet, għandhom isaħħu u jżidu l-għarfien espert, l-investimenti u l-kontribuzzjonijiet mill-partijiet kkonċernati lokali, il-gvernijiet, is-settur privat, l-istituzzjonijiet ta' għarfien u l-NGOs.

11. Azzjonijiet biex tissaħħaħ it-tmexxija, il-governanza u s-sjieda nazzjonali ta’ objettivi tan-nutrizzjoni jeħtieġu lid-Delegazzjonijiet tal-UE u r-rappreżentazzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE biex jinvolvu ruħhom aktar f'djalogu ta’ politika u biex jappoġġjaw proċessi nazzjonali u reġjonali. Il-programmazzjoni konġunta tal-UE tipprovdi qafas b'saħħtu għal koordinazzjoni mtejba tal-interventi ta’ nutrizzjoni kif ukoll biex tappoġġja pajjiżi sħab biex jiddefinixxu u jimplimentaw politiki nazzjonali dwar in-nutrizzjoni, partikolarment f’pajjiżi b’piż għoli ta’ nuqqas ta’ żvilupp, fejn ikun hemm il-ħtieġa u l-potenzjal għal promozzjoni u azzjoni komuni. Il-Kunsill jilqa’ l-impenn tal-Pjan ta’ Azzjoni għall-iżgurar tas-sinerġija u l-koerenza bejn il-politiki u l-programmi ta’ kull pajjiż fuq naħa, u inizjattivi reġjonali u internazzjonali fuq in-naħa l-oħra.

12. Il-Kunsill iħeġġeġ l-allinjament tal-interventi tal-Istati Membri fl-istrateġiji nazzjonali eżistenti ta’ pajjiżi sħab u koordinazzjoni mill-qrib mal-Pjan ta’ Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni tal-Kummissjoni u inizjattivi oħra internazzjonali. Għandhom jissaħħu l-mekkaniżmi ta’ koordinazzjoni eżistenti, bħall-Moviment SUN, u l-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija. Għandha tingħata konsiderazzjoni għall-ħidma ta' kumitati oħra rilevanti tan-NU, bħall-Kumitat Permanenti dwar in-Nutrizzjoni. B’mod partikolari l-Kunsill jilqa’ l-fatt li 54 pajjiż b’piżijiet tqal ta’ nuqqas ta’ nutrizzjoni issa ngħaqdu mal-moviment Sun u qed juru impenn politiku biex tittejjeb in-nutrizzjoni.

13. Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni, il-Kunsill jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni biex jitħejjew dokumenti dwar il-pajjiżi li juru r-riżultati mistennija. Objettivi tan-nutrizzjoni għandhom ikunu inkorporati b'mod konsistenti fit-tfassil tal-programm filwaqt li l-kriterji u l-indikaturi tan-nutrizzjoni għandhom ikunu inklużi u ssorveljati. Barra minn hekk, il-Kunsill jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ is-sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni nazzjonali dwar in-nutrizzjoni, li tipprovdi kontabilità għar-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt u li tikkomunikahom, ukoll fil-livell tal-qasam, tal-Pjan ta' Azzjoni. L-informazzjoni ġġenerata tista' sservi wkoll biex tikkontribwixxi r-riżultati għar-Rapport annwali Globali dwar in-Nutrizzjoni. Data preċiża fuq livell tal-pajjiż ser tgħin fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-iżvilupp tal-politika mill-awtoritajiet nazzjonali barra li tipprovdi l-kontabilità għar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, u tikkomunikahom, f'livell globali u nazzjonali."

Rapport Annwali dwar il-politiki ta' żvilupp u għajnuna esterna tal-UE

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin dwar ir-rapport annwali dwar il-politiki ta' żvilupp u għajnuna esterna tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tagħhom fl-2013:

"1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Annwali tal-2014 dwar il-politiki ta' żvilupp u għajnuna esterna tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tagħhom fl-2013.[1] Ir-rapport jirrappreżenta kontribut ewlieni għat-tisħiħ tal-kontabbiltà u t-trasparenza. Dan iservi biex jikkomunika u juri l-konċentrazzjoni fuq ir-riżultati tal-politika ta' żvilupp tal-UE.

2. Il-Kunsill japprezza n-natura komprensiva tal-analiżi ġeografika u dik tematika fir-rapport, inkluż ir-rapportar dwar il-valuri fundamentali, u l-konċentrazzjoni fuq il-progress fil-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp fuq perijodu twil tal-UE kif ukoll fuq kif il-prinċipji li jinsabu fl-Aġenda għall-Bidla ssarrfu fi strateġiji u interventi għall-iżvilupp.

3. Il-Kunsill jinnota l-progress importanti li sar fuq l-ipprogrammar konġunt li rriżulta bħala element ewlieni tal-kontribut tal-UE għall-aġenda tal-effettività tal-għajnuna, u jisħaq dwar il-ħtieġa li jiġi rappurtat b'mod speċifiku dwar it-tagħlimiet meħuda f'rapporti futuri.

4. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi kontinwi fil-qasam tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD), fejn jiġu rapportati firxa wiesgħa ta' azzjonijiet, inkluż fil-livell tal-pajjiżi, u partikolarment fir-rigward tat-tisħiħ tal-bażi ta' evidenza, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ.

[1] Dok. 12570/14.

5. Il-Kunsill jikkondividi l-enfasi fuq ir-rappurtar dwar il-kooperazzjoni ma' atturi mhux statali u awtoritajiet lokali kif ukoll fuq ir-rwol tas-settur privat u jilqa' rappurtar aktar estensiv dwar kooperazzjoni pubblika-privata fil-ġejjieni. L-isforzi biex isir rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-Patt Ġdid għall-Involviment fi Stati Dgħajfa ġew innotati b'mod pożittiv.

6. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tinkludi informazzjoni aktar speċifika fir-rapporti annwali li jmiss dwar il-programmi ta' appoġġ baġitarju, inklużi x-xejriet fl-iżborsament, is-sehem tal-appoġġ baġitarju ġenerali u l-programmi ta' appoġġ baġitarju għas-setturi fl-istrumenti finanzjarji ewlenin. Ir-rappurtar għandu jinkludi kif l-impenn u r-rekord tal-pajjiż sieħeb f'dak li jirrigwarda d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt tqiesu fid-deċiżjonijiet biex jingħata appoġġ baġitarju. Għandu jagħti tagħrif ukoll dwar kif tqieset il-ħtieġa li jiġu pprovduti s-servizzi bażiċi essenzjali u li dak il-provvediment jitħares, partikolarment lill-ifqar u l-aktar vulnerabbli, kif spjegat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ baġitarju ta' Mejju 2012,[1] u kif it-tliet tipi ġodda ta' appoġġ baġitarju kkontribwixxew, fuq perijodu medju/twil, għat-tnaqqis fil-faqar, l-iżvilupp sostenibbli u t-titjib fil-governanza f'dawn il-pajjiżi sħab.

7. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex teżamina l-progress, fir-rapport annwali li jmiss, fuq il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, filwaqt li tislet tagħlimiet għat-tranżizzjoni għall-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli.

8. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jikkonċentraw aktar, f'rapporti annwali futuri, fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-approċċ komprensiv għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni u l-appoġġ tal-UE għal bidla sostenibbli f'soċjetajiet fi tranżizzjoni. Il-Kunsill jilqa’ wkoll rappurtar dwar kooperazzjoni ddelegata.

9. Għandu jkun hemm konċentrazzjoni kontinwa fuq il-konformità mal-impenn biex mill-inqas 20% tal-għajnuna tal-UE għall-appoġġ tal-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp uman u 20% tan-nefqa tal-UE fuq azzjonijiet rilevanti għall-klima, inkluż l-enerġija sostenibbli, il-bini ta' ekonomija li tuża livell baxx ta' karbonju u li hi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, kif ukoll l-agrikoltura sostenibbli, ir-reżiljenza u l-adattament.

10. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex issaħħaħ ir-rappurtar dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Tiġi apprezzata attenzjoni lill-azzjoni tal-UE biex jinħareġ il-potenzjal tal-bniet u n-nisa.

11. Il-Kunsill itenni b'qawwa l-ħtieġa li jkompli jittejjeb ir-rappurtar dwar ir-riżultati u l-impatt tal-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp, għall-modalitajiet kollha ta' għajnuna, biex ikun hemm rabta aktar b'saħħitha bejn l-għanijiet u r-riżultati, u qed jistenna b'interess it-titjib li ser jirriżulta mill-Qafas ta' Riżultati tal-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni tal-UE għar-rapporti annwali li ġejjin."

[1] Dok. 9371/12.

Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Afrika tal-Punent

Il-Kunsill awtorizza, f'isem l-UE, l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Istati tal-Afrika tal-Punent, il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (UEMOA).

AFFARIJIET BARRANIN

Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina

Il-Kunsill stabbilixxa l-pożizzjoni tal-UE għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE - Ukraina.

Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE

Il-Kunsill ikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għal att delegat tal-Kummissjoni li jistabbilixxi standards dwar voluntiera kandidati u voluntiera tal-għajnuna tal-UE.